MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 178/1995/1

**Joseph u Helga konjugi Cassar**

**Vs**

**Joseph Baldacchino ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Charnwoods Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-atturi kienu inkarigaw lis-socjeta' konvenuta tahdmilhom b'appalt bankijiet tal-kcina tal-oak, skond ir-rekwiziti ta' l-istess atturi;

Premess illi s-socjeta' konvenuta kienet accettat tali inkarigu, u eventwalment, pero' in ritard, installat ghand l-atturi l-imsemmija bankijiet tal-kcina;

Premess illi s-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti fl-obbligi taghha billi l-imsemmija bankijiet ma inhadmux mis-socjeta' konvenuta skond is-sengha u l-arti;

Premess illi s-socjeta' konvenuta interpellata taghmel tajjeb ghal dawn in-nuqqasijiet, irraparat xi uhud mill-istess nuqqasijiet, liema riparazzjonijiet, wara irrizultaw li saru b'mod superficjali, u temporanju;

Premess illi s-socjeta' konvenuta interpellata diversi drabi, tirrapara u taghmel tajjeb b'mod permanenti, tali nuqqasijiet fix-xoghol minnha mahdum, u tezegwixxi l-obbligi kollha minnha assunti baqghet inadempjenti;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-konvenuti nomine kien inadempjenti fl-obbligi tieghu kif fuq intqal;

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine jadempixxi l-istess obbligi minnu originarjament assunti billi jaghmel dawk ix-xogholijiet kollha necessarji fl-istess bankijiet tal-kcina, sabiex tali xoghol jkun gi ezegwit skond is-sengha u l-arti, u dan fi zmien qasir u perentorju stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti taht is-sorveljanza ta' Perit nominandi;

3. Fin-nuqqas ta' adempiment tal-konvenut nomine mal-ordni tal-Qorti fuq it-tieni talba attrici, m'ghandhom l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu dawn ix-xogholijiet a spejjez tal-konvenut nomine;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-11 ta' Novembru, 1994, tat-30 ta' Novembru, 1994, u tal-4 ta' Jannar, 1995 kontra l-konvenut nomine li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 14 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez peress li se mai, id-difetti fil-bank tal-kcina huma fil-materja prima u mhux f'xi nuqqas ta' l-appaltatur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha a fol 17/18;

Rat ir-relazzjoni a fol 59;

Rat id-digriet a fol 59 li bih gew nominati periti addizzjonali;

Rat l-ordni taghha a fol 157;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

B'riferenza ghall-eccezzjoni tal-konvenuti, il-Perit tekniku nominat minn dina l-Qorti kkonkluda li ma jaqbilx li hafna mid-difetti lamentati mill-atturi huma fil-materja prima wzat izda huma minhabba xoghol hazin jew fil-manifatturar tal-kcina stess jew inkella fl-armar taghha fil-post. (fol 64 para 17 u 18).

Irrizulta mill provi u dokumenti li, kontra dak li xehed il-konvenut, ma kienx wara hafna xhur li l-attur beda jilmenta mieghu u lanqas li kien qed jinsisti biss biex isir *service* tal-kcina. Jirrizulta mill-provi u dokumenti li l-attur ilmenta mill-ewwel u baqa' jilmenta nonostante li kien hallas il-bilanc. Hu kien anke talab l-assistenza tad-

Dipartiment ghall-Affarijiet tal-Konsumatur sabiex dina tintervjeni fil-kwistjoni. (Fol 66 para 14).

Il-konvenut ma ressaqx provi biex jirribatti dak li xehdu l-atturi. L-atturi ma kienux responsabbili ghax-xiri ta' l-injam imma kien il-konvenut li kellu jiehu hsieb jixtri l-injam li kellu jintuza ghal kcina. Il-Perit nominat minn dina l-Qorti sab li l-ilmenti ta' l-atturi dwar ix-xoghol fil-kcina huma gustifikati u jahti ghalihom il-konvenut.

Il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, u wara li rat ir-rapport tal-perit nominat, hija tal-fehma li l-kostatazzjonijiet maghmulin mill-perit , kif ukoll il-konkluzzjonijiet minnu raggjunti huma gusti u korretti u hija tikkondividihom u taghimillhom taghha.

L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiz sabiex il-Qorti tkun tista' tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta' kawza illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu tahrig jew taghlim specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati.

L-artikolu 681 tal Kap 12 jistabilixxi li : Il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. Gie stabbilit mill-Qrati taghna li "r-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra" N. Ellul vs Mary Caruana P.A. 28.2.2002 u ghandu jigi skartat mill-Qorti meta jkun jidher "sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragjonevoli" G. Bugeja vs E. Muscat et App 23. 6. 1967 L1-1-390. jew jezistu bizzejjed " ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju l-opinjoni teknika lilha sottomessa. P. Grima vs C. Mamo App 29.5.1998

Generalment konkluzzjonijiet peritali jistghu jigu attakkati bin-nomina ta' periti perizjuri jew b'produzzjoni ex parte ta' esperti fil-materja.

Fil-kaz in ezami ghalkemm il-konvenuti kienu talbu n-nomina ta' periti addizzjonali, huma naqsu li jhallsu r-

rapport taghhom, u ghalhekk il-Qorti kellha tghaddi fuq ir-rapport ta' l-ewwel perit.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi
tilqa' t-talbiet ta' l-atturi
tiddikjara li l-konvenuti nomine kienu inadempjenti fl-obbligi taghhom;
tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien tlett xhur mill-lum jaghmlu tajjeb ghad-difetti msemmija mill-atturi kif deskritti fil-verbal ta' l-access a fol 88-90 u dana taht is-sorveljanza ta' Perit David Pace;

Fin-nuqqas li jaghmlu dana, l-atturi huma awtorizzati li jaghmlu dawn ix-xogholijiet a spejjez tal-konvenut nomine, l-istess taht id-direzzjoni u sorveljanza tal-Perit Daivd Pace.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------